A.L. 279 tal-2010

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(KAP. 435)

Regolamenti ta' 2010 li jemendaw ir-Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ghad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent, il-Prim Ministru wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti li jemendaw ir-Regolament dwar id-Drittijiet ghad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam, u ghandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolament dwar id-Drittijiet ghad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 382 tal-2009.

2. Minflok il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

"(b) għal kull skart li jiġi depożitat f'siti tal-iskart pubblici minn jew f'isem entitajiet oħrajn, ghandhom jitqiesu li daħlu fis-sehh fl-1 ta' April 2010.".

3. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, ghandu jidhol dan ir-regolament ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

"3. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"8. Kull persuna li tarmi radam ġo sit ta' skart pubbliku, għandha tħallas l-ammont ta' € 3.21 eskluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, lill-entità tal-gvern li tkun ġiet fdata bir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' strateġija dwar l-immaniġġar ta' l-iskart għal kull tunnellata metrika ta' radam li jintrema:

Iżda skart domestiku li jiġi depożitat f'siti pubbliċi għall-iskart kif indikat f'punt 7 sa 11 ta' Skeda B minn persuna individwali li tkun iġġenerat dak l-iskart, huwa eżenti mill ħlas tal-ammont imsemmi.".".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Skeda B li tinsab f'regolament 7 tar-regolamenti principali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Siti pubbliċi ghall-Iskart fuq l-Art" għandhom jidħlu il-kliem "I - Siti Pubbliċi ghall-Iskart fuq l-Art"; u

(b) minnufih fi tmiem il-punt 14 għandha tidħol din il-parti ġdida li ġejja:

"II - Siti fil-Baħar

Żona ta' depożitu ghal materjal skavat b'raġġ ta' madwar 350 metru biċ-ċentru tagħha f'Latitudni 35°55.1´N u Lonġitudni 14°34.0´E.".

L.N. 279 of 2010

ENVIRONMENT PROTECTION ACT
(CAP. 435)

Deposit of Waste and Rubble (Fees) (Amendment) Regulations (Amendment) Regulations, 2010

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, the Prime Minister after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, and the Minister for Resources and Rural Affairs have made the following regulations:-

1. The title of these regulations is the Deposit of Waste and Rubble (Fees) (Amendment) Regulations (Amendment) Regulations, 2010 and they shall be read and construed as one with the Deposit of Waste and Rubble (Fees) (Amendment) Regulations, 2009, hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 382 of 2009.

2. For paragraph (b) of sub-regulation (2) of regulation 1 of the principal regulations, there shall be substituted the following: Amends regulation 1 of the principal regulations.

"(b) for waste deposited at public waste deposit sites by or on behalf of other entities, they shall be deemed to have come into force on the 1st April 2010.".

3. For regulation 3 of the principal regulations, there shall be substituted the following new regulation: Amends regulation 3 of the principal regulations.

"3. For regulation 8.of the principal regulations there shall be substituted the following new regulation:

"8. Any person who deposits rubble in a public waste deposit site shall pay the sum of €3.21 excluding Value Added Tax to the government entity entrusted with the responsibility for waste management strategy implementation for every metric tonne of rubble to be deposited:

Provided that the deposit of domestic rubble in the public waste deposit sites indicated in points 7 to 11 in Schedule B by the householder generating that waste, is exempt from payment of this fee.".

Amends regulation 7 of the principal regulations.

4. Schedule B in regulation 7 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) for the words "Public Waste Deposit Sites on Land:" there shall be substituted the words "I - Public Waste Deposit Sites on Land"; and

(b) immediately at the end of item 14 there shall be added the following new part:

"II - Sites at Sea

A spoil ground for dredged material having a radius of about 350 meters and centered on Latitude 35°55.1´N and Longitude 14°34.0´E.".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.19